**MT**

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.1.2009
KUMM(2008) 902 finali

# RAPPORT ANNWALI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-isforzi tal-Istati Membri matul l-2007 biex jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd

(preżentata mill-Kummissjoni)

**RAPPORT ANNWALI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-isforzi tal-Istati Membri matul l-2007 biex jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd**

# WERREJ

RAPPORT ANNWALI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-isforzi tal-Istati Membri matul l-2007 biex jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd ........ 2

1. Daħla ........ 4

2. Sinteżi tar-rapporti annwali tal-Istati Membri ........ 4

2.1. Deskrizzjoni tal-flotot f'relazzjoni mas-sajd ........ 5

2.2. L-impatt tal-iskemi għat-tnaqqis tal-isforzi fuq il-kapaċità ........ 8

2.3. Konformità mal-iskema tad-dħul/ħruġ u mal-livelli ta' referenza ........ 10

3. Konformità mar-regoli għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd. Ir-riżultati kumplessivi. 10

3.1. Ir-riżultati għall-flotta kontinentali (minbarra bastimenti rreġistrati fl-aktar reġjuni mbiegħda) ........ 10

3.2. Ir-riżultati għall-flotot irreġistrati fl-aktar reġjuni mbiegħda ........ 11

4. Il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni ........ 11

## 1. DAĦLA

Qabel l-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom[1] jibagħtu rapport lill-Kummissjoni dwar l-isforzi tagħhom fis-sena ta' qabel biex jiksbu bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet għas-sajd. Ir-rapporti tal-Istati Membri jinsabu fuq il-websajt "Europa"[2]. Abbażi ta' dawn ir-rapporti u d-dejta li tinsab fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità, il-Kummissjoni fasslet sinteżi għas-sena 2007 li hija ppreżentat lill-Kumitat Xjentifiku Tekniku u Ekonomiku tas-Sajd (STECF) u lill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura. Dan ir-rapport mill-Kummissjoni issa jippreżenta dak is-sommarju tar-rapporti tal-Istati Membri, flimkien ma' anness tekniku (Anness I) u mal-fehmiet tal-kumitati msemmija hawn fuq, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew (Anness II). L-anness jipprovdi kummenti dettaljati dwar il-ġestjoni tal-kapaċità[3] flimkien ma' tabelli u grafiċi li juru x-xejriet kumplessivi fil-flotta tas-sajd tal-UE u l-konformità tal-Istati Membri mal-iskema tad-dħul/ħruġ. Barra minn hekk, l-informazzjoni li ġejja hija disponibbli bl-Ingliż fuq il-websajt "Europa":

– regoli dettaljati rigward il-konformità mill-Istati Membri individwali;

– ir-riżultati f'kull waħda mir-reġjuni ta' l-aktar imbiegħda tal-Komunità;

– ir-rapporti tal-Istati Membri.

## 2. SINTEŻI TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ISTATI MEMBRI.

Din is-sena 13-il Stat Membru biss ippreżentaw ir-rapporti tagħhom fil-ħin; tmien rapporti waslu bejn ġimagħtejn u xahrejn tard. Fil-mument tal-ħruġ ta' dan ir-rapport, ir-Renju Unit kien għadu ma bagħatx ir-rapporti tiegħu lill-Kummissjoni. Minkejja dan id-dewmien, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' sinteżi lill-Kumitati msemmija hawn fuq sal-31 ta' Lulju 2008. Għandu jingħad ukoll li, minkejja li bosta Stati Membri segwew il-mudell stabbilit għar-rapport fl-Artikolu 13 tar-Regolament 1438/2003, il-kwalità tal-informazzjoni pprovduta mhux dejjem kienet tajba biżżejjed għall-finijiet ta' dan ir-rapport.

Dan ir-rapport jiġbor id-deskrizzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-flotot tas-sajd tagħhom, l-impatti tal-iskemi eżistenti għat-tnaqqis tal-isforz tas-sajd, il-konformità tal-Istati Membri mal-iskema tad-dħul/ħruġ u d-dgħufijiet u l-punti pożittivi tas-sistemi ta' ġestjoni tagħhom tal-flotot.

Bil-għan li l-Istati Membri jingħataw għajnuna biex iwettqu analiżi armonizzata u soda tal-bilanċ bejn l-opportunitajiet ta' sajd tal-flotot tagħhom u dawk disponibbli, il-Kummissjoni talbet lill-STECF biex tipproduċi linji gwida għal analiżi mtejba tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Il-Kummissjoni ppreżentathom lill-Istati Membri u talbithom jivvalutaw il-kapaċità abbażi tal-indikaturi varji proposti mill-STECF. Uħud mill-Istati Membri ma applikawx il-linji gwida, u ġabu l-argument li ma kellhomx biżżejjed żmien

1 F'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament 2371/2002 u l-Artikolu 12 tar-Regolament 1438/2003

2 http://ec.europa.eu/fisheries/fleet/index.cfm?method=FM_Reporting.AnnualReport.

3 F'konformità mal-PKS adottata f'Diċembru 2002, il-flotot tas-sajd jiġu ġestiti skont ir-regola ġenerali li kapaċità ġdida, f'termini ta' tunnellaġġ u qawwa, miżjuda mal-flotta, ma tistax tkun akbar mill-kapaċità irtirata mill-flotta.

jew biżżejjed dejta biex jagħmlu dan. Minkejja l-ftit taż-żmien disponibbli, ċerti Stati Membri madankollu inkludew il-kalkolu ta' xi wħud mill-indikaturi proposti, jew saħansitra kollha.

## 2.1. Deskrizzjoni tal-flotot f'relazzjoni mas-sajd

Il-Belġju: Matul l-2007 seħħ tnaqqis żgħir fit-tunnellaġġ, mingħajr għajnuna pubblika, filwaqt li l-qawwa kumplessiva ftit li xejn żdiedet. Ir-rapport Belġjan applika l-linji gwida għat-taqsima tal-flotta tal-bastimenti tat-tkarkir bit-travu, li hija l-aktar waħda importanti fil-flotta Belġjana. L-utilizzazzjoni baxxa tal-kapaċità u r-ritorn negattiv fuq l-investiment (abbażi tad-dejta għall-2006) jindikaw ċertu livell ta' kapaċità żejda. Skreppjar addizzjonali huwa maħsub għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 tal-FES, iżda l-ammont affetwat tal-kapaċità mhux ikkwantifikat.

Il-Bulgarija: Il-flotta Bulgara hija komposta l-aktar minn bastimenti żgħar; 105 biss minn 2 536 huma itwal minn 12-il metru. L-ewwel rapport għall-flotta Bulgara juri tnaqqis żgħir (madwar 1 %) fil-kapaċità tas-sajd matul l-2007. Ir-rapport jinkludi l-kalkolu ta' ċerti indikaturi tal-bilanċ tal-kapaċità, kif propost fil-linji gwida, iżda ma tinsilet l-ebda konklużjoni fir-rigward tad-daqs tal-flotta.

Id-Danimarka: Bħal fir-rapporti preċedenti mill-2003 'l hawn, intuża mudell ekonomiku (EIAA) għall-kalkolu tal-għadd minimu ta' bastimenti meħtieġa biex jinqabdu l-kwoti allokati fi 12-il taqsima tal-flotta, ikkategorizzati skont ir-Regolament dwar il-Ġbir tad-Dejta[4]. L-għadd ta' jiem fuq il-baħar għal dawn il-bastimenti tqies bħala l-ogħla wieħed possibbli kull sena. Irriżulta li jeżistu livelli differenti ta' kapaċità żejda f'kull taqsima tal-flotta, fid-dawl tal-qagħda attwali tal-istokkijiet. Skont dan il-mudell, l-għadd kurrenti ta' bastimenti attivi huwa meqjus li huwa f'ekwilibriju mal-opportunitajiet disponibbli tas-sajd. L-għadd ta' bastimenti attivi tnaqqas b'madwar 3 % meta mqabbel mal-2006. Aktar minn 800 bastiment b'tunnellaġġ totali ta' 7 143 TG u 33 456 kW ġew irrappurtati bħala inattivi matul l-2007. Matul l-2007 ma sar l-ebda tnaqqis fil-kapaċità permezz tal-għajnuna pubblika. Dan jagħti idea tal-kobor tal-kapaċità żejda.

Il-Ġermanja: Ir-rapport tal-Ġermanja ma applikax il-linji gwida. Minflok, intuża approċċ bijoloġiku kwalitattiv biex jiġi eżaminat l-ekwilibriju bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd skont it-taqsimiet tal-flotta. It-taqsimiet tal-flotta kienu dawk iddefiniti skont l-MAGP IV. Ir-rapport ivvaluta jekk ix-xejriet tal-kapaċità f'kull taqsima tal-flotta kinux konformi max-xejriet fl-abbundanza u l-livell tas-sajd tal-istokkijiet ewlenin ikkonċernati. Matul l-2007 sar tnaqqis żgħir fil-kapaċità, fit-taqsimiet tal-irkaptu passiv, il-bastimenti tas-sajd bit-tkarkir fil-baħar tat-Tramuntana u l-bastimenti tat-tkarikir bit-travu, mingħajr għajnuna pubblika. Kien hemm żieda fil-kapaċità għall-flotta tad-distanzi twal. Id-dħul ta' bastimenti kbar tat-tkarkir f'din it-taqsima rriżulta f'żieda kumplessiva tal-kapaċità għall-flotta Ġermaniża (11 % f'TG, 3 % f'kW).

L-Estonja: Ir-rapport Estonjan ma applikax il-linji gwida u ma inkludiex valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. Il-flotta hija organizzata fi tliet segmenti, iddefiniti fuq il-bażi tat-tul, l-irkaptu u ż-żona tas-sajd. Il-flotta Estonjana hija soġġetta għal tnaqqis tat-TAC għall-merluzz fil-Baħar Baltiku u għall-pjan tan-NAFO għall-bini mill-ġdid. Fl-2007, ma ġewx introdotti pjanijiet multiannwali ta' ġestjoni u ta' rkupru fil-Baħar Baltiku jew fiż-żona regolatorja tan-NAFO.

---

[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1639/2001 (ĠU L 222, 17 ta' Awwissu 2001, p. 53-115).

Il-Greċja: Ir-rapport Grieg ma applikax il-linji gwida u ma inkludiex valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. L-għajnuna pubblika kompliet tiffinanzja t-tnaqqis fil-kapaċità matul l-2007, u rriżultat fit-tneħħija mis-servizz ta' 1 528 TG u 8 264 kW. L-biċċa l-kbira tal-flotta tas-sajd Griega hija magħmula minn dgħajjes tas-sajd kostali fuq skala żgħira li jużaw varjetà ta' rkaptu tas-sajd passiv.

Spanja: Ir-rapport Spanjol ma applikax il-linji gwida u ma inkludiex valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. Spanja kompliet tuża l-fondi pubbliċi biex tnaqqas il-kapaċità tal-flotta; matul l-2007 ġew skreppjati aktar minn 9 000 TG u 21 000 kW, iżda fir-rapport ma ngħatawx dettalji fir-rigward tat-tipi ta' sajd u t-taqsimiet tal-flotta soġġetti għal dan id-dekommissjonar. Il-flotta titmexxa permezz ta' taqsimiet separati, hekk kif kien il-każ bl-MAGP IV.

Franza: Ir-rapport Franċiż ġie ppreżentat tard wisq u ma setax jiġi inkluż.

L-Irlanda: Ir-rapport Irlandiż ma applikax il-linji gwida u ma inkludiex valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. Madankollu, huwa rrappurtat li ħafna mill-istokkijiet fil-mira huma barra l-limiti bijoloġiċi sikuri. Il-kwoti u l-ħatt l-art qegħdin jonqsu b'rata ferm aktar mgħaġġla mill-kapaċità tas-sajd. Ma seħħ l-ebda dekommissjonar fl-2007, iżda għall-2008 huwa previst dekommissjonar sostanzjali fil-flotta tal-whitefish.

L-Italja: Il-kapaċità tal-flotta Taljana kompliet titnaqqas permezz tal-iskreppjar bl-għajnuna tal-fondi pubbliċi. Matul l-2007, ġew dekommissjonati 177 bastiment, b'tunnellaġġ ikkombinat ta' 9 422 TG u qawwa tal-magni totali ta' 38 372 kW. Ir-rapport Taljan inkluda l-kalkolu ta' xi wħud mill-indikaturi tal-bilanċ issuġġeriti fil-linji gwida. L-attività medja tal-bastimenti tas-sajd Taljani qiegħda tonqos b'mod kostanti, b'valur ta' 131 jum għal kull bastiment matul l-2007. Il-qabda għal kull unità ta' sforz imkejla f'TG x jiem naqset xi ftit ukoll.

Ċipru: Ir-rapport Ċiprijott ma applikax il-linji gwida u ma vvalutax il-bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. Il-kapaċità tal-flotta Ċiprijotta tnaqqset bi 3 % fir-rigward tat-tunnellaġġ u 9 % tal-qawwa matul l-2007, mingħajr għajnuna pubblika. Ir-rapport Ċiprijott jindika li l-kapaċità tal-flotta se tiżdied fl-2008 wara l-bidla fl-istatus tal-bastimenti ż-żgħar tas-sajd minn rikreattivi għal professjonali.

Il-Latvja: Ir-rapport Latvjan ma applikax il-linji gwida għall-valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd. Madankollu, għat-taqsima tal-ibħra miftuħa (8 bastimenti), il-kapaċità tal-flotta titqies f'ekwilibriju mal-kwoti disponibbli. Id-dekommissjonar ta' 70 bastiment fit-taqsima tal-Baltiku u 110 bastiment fit-taqsima ta' skala żgħira huwa previst għall-perjodu 2007-2013 sabiex il-kapaċità tiġi aġġustata għall-kwoti disponibbli. Matul l-2007, ġew dekommissjonati bl-għajnuna pubblika 17-il bastiment, b'kapaċità totali ta' 950 TG u 2 228 kW.

Il-Litwanja: Ir-rapport Litwan kien jinkludi l-kalkolu ta' xi wħud mill-indikaturi proposti fil-linji gwida, iżda ma intislet l-ebda konklużjoni fir-rigward tad-daqs tal-flotta. Madankollu, il-valuri tal-indikaturi proposti jissuġġerixxu li teżisti kapaċità żejda fil-flotta tal-Baltiku. Fl-2007, ġew dekommissjonati ħdax-il bastiment bl-għajnuna pubblika, b'kapaċità totali ta' 1 173 TG u 1 893 kW.

Malta: Ir-rapport Malti jinkludi l-kalkolu tal-indikaturi tal-bilanċ proposti fil-linji gwida. Il-kapaċità tal-flotta titqies li hija proporzjonata mar-riżorsi disponibbli u ma huwa previst l-

ebda tnaqqis. Il-flotta hija magħmula minn bastimenti tas-sajd full time u oħrajn part time. Il-bastimenti rikreattivi huma rrappurtati wkoll, minkejja li mhumiex bastimenti tas-sajd kummerċjali u mhumiex soġġetti għall-PKS. Il-flotta hija magħmula l-aktar minn bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira, inqas minn 12-il metru tul, li jirrappreżentaw 99 % tal-flotta. Matul l-2007, il-kapaċità tal-flotta Maltija baqgħet ma nbidlitx mis-sena ta' qabel, bl-ebda indikazzjoni ta' żieda fl-isforz tas-sajd, fi kwalunkwe tip ta' sajd.

L-Olanda: Ir-rapport Olandiż applika l-linji gwida proposti mill-Kummissjoni. Madankollu, ir-rapport innota li huwa diffiċli li wieħed jistma l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd, minħabba l-kumplessità fil-produzzjoni dettaljata tad-dejta għas-segmenti tal-flotta konċernati, li huma meħtieġa għal analiżi korretta. Ir-rapport Olandiż iqis li l-indikaturi proposti fil-linji gwida mhumiex tajbin għat-taqsima pelaġika, minħabba l-orjentazzjoni tagħha lejn l-ilmijiet internazzjonali. Dawn l-indikaturi juru kapaċità żejda fil-flotta tat-tkarkir bit-travu. Seħħ tnaqqis ta' 15 % tal-kapaċità permezz ta' skema ta' dekommissjonar implimentata sa tmiem is-sena iżda li se tiġi riflessa biss fiċ-ċifri għall-bidu tal-2008. Il-kapaċità tal-bastimenti tas-sajd pelaġiku bit-tkarkir żdied fl-2007 b'tunnellaġġ ta' 7 % u 12 % tal-qawwa, wara s-sostituzzjoni tal-kapaċità li kienet ġiet irtirata fl-2006.

Il-Polonja: Ir-rapport Pollakk ma applikax il-linji gwida u ma inkludiex valutazzjoni tal-kapaċità tal-flotta f'relazzjoni mal-opportunitajiet tas-sajd. Wara tnaqqis kbir ħafna fil-flotta tal-Baltiku fl-2005 u l-2006, sar tnaqqis ieħor, iżda ferm iżgħar, matul l-2007; 24 bastiment, li kienu jammontaw għal 700 TG u 2 600 kW ġew irtirati għal dejjem minn din il-flotta, permezz tal-għajnuna pubblika.

Il-Portugall: Ir-rapport Portugiż ma applikax il-linji gwida u ma jinkludix valutazzjoni tal-kapaċità tal-flotta f'relazzjoni mal-opportunitajiet tas-sajd. Il-kapaċità totali tal-flotta Portugiża kontinentali tnaqqset biss b'0.4 % matul l-2007, u ħafna minn dan it-tnaqqis sar b'riżultat tal-għajnuna pubblika.

Is-Slovenja: Ir-rapport Sloven ma applikax il-linji gwida u ma jinkludix valutazzjoni tal-kapaċità tal-flotta f'relazzjoni mal-opportunitajiet tas-sajd. Il-kapaċità tal-flotta Slovena naqset ftit matul l-2007 mingħajr għajnuna pubblika. Il-flotta tbati minn problemi strutturali, partikolarment bastimenti qodma u rkaptu li għadda żmienu. Il-pjan ta' ġestjoni mħejji skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament tal-Mediterran se jiffoka fuq l-aġġustament tal-kapaċità u t-tnaqqis tat-tkarkir tal-qiegħ.

Il-Finlandja: Ir-rapport Finlandiż ma applikax il-linji gwida u ma jinkludix valutazzjoni tal-kapaċità tal-flotta f'relazzjoni mal-opportunitajiet tas-sajd. L-għadd ta' bastimenti u l-kapaċità tal-flotta Finlandiża naqsu ftit matul l-2007, iżda ma sar l-ebda dekommissjonar bl-għajnuna pubblika. Meta mqabbel mal-livell tal-bidu fl-1 ta' Jannar 2003, kien hemm tnaqqis ta' 19 % fit-TG u 12 % fil-kW.

L-Iżvezja: Ir-rapport Żvediż inkluda l-evalwazzjoni tal-indikaturi tal-bilanċ skont il-linji gwida. Ir-riżultati juru li ċerti stokkijiet huma mistada żżejjed, l-attività tal-maġġoranza tal-flotta hija baxxa ħafna u r-rendiment ekonomiku tagħha mhux sodisfaċenti. Dawn huma indikazzjonijiet ċari ħafna tal-kapaċità żejda u dan huwa rikonoxxut fir-rapport; it-tnaqqis fil-kapaċità sa massimu ta' 50 % għat-taqsima demersali u 30 % għat-taqsima pelaġika huwa previst għall-perjodu 2007-2013.

Ir-Renju Unit: L-ebda rapport ma kien irċevut mir-Renju Unit sa meta kien qiegħed jitfassal dan ir-rapport.

## 2.2. L-impatt tal-iskemi għat-tnaqqis tal-isforzi fuq il-kapaċità

L-Istati Membri rrappurtaw diversi miżuri ta' rkupru u skemi għat-tnaqqis tal-isforzi applikabbli fl-2007. Ġeneralment, ir-rapporti mill-Istati Membri ma jurux biċ-ċar jekk l-iskemi tal-isforzi tas-sajd kinux, inkella humiex se jkunu mezz effikaċi biex jinkiseb bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità u r-riżorsi. Il-Kummissjoni temmen li r-riżultati kumplessivi tal-iskemi għall-aġġustament tal-isforzi tas-sajd f'termini tad-daqs tal-flotta ma tantx huma tajbin, u li jeħtieġ li jsir aktar.

Il-Belġju: Il-flotta tas-sajd kienet soġġetta għall-iskema tal-Anness II[5] u s-sistema tal-Ilmijiet tal-Punent. L-għadd totali ta' jiem fuq il-baħar għall-flotta kollha ma nqabiżx għaliex ċerti bastimenti ma użawx l-allokazzjoni kollha li ngħatatilhom. Madankollu, ir-restrizzjoni fil-jiem fuq il-baħar ma rriżultatx f'nuqqas ta' utilizzazzjoni tal-kwoti disponibbli. L-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-arzell kważi ntużaw kollha. Madankollu, fiż-żona VIII tal-ICES, l-allokazzjoni tal-isforz tas-sajd ma kinitx biżżejjed u kien meħtieġ skambju mal-Olanda fir-rigward tal-kwoti u l-isforz.

Id-Danimarka: Il-flotta Daniża hija soġġetta għall-miżuri tal-Anness II, bħala parti mill-pjan ta' rkupru għall-merluzz. L-aktar konsegwenza importanti tal-applikazzjoni tal-Anness II kienet tnaqqis medju ta' 47 % tal-isforz tas-sajd meta mqabbel mal-livelli tal-2003. L-għadd totali ta' jiem tas-sajd tnaqqas b'49 %. It-trasferiment ta' jiem tas-sajd flimkien mal-implimentazzjoni fl-2007 ta' kwoti individwali trasferibbli rriżulta f'konċentrazzjoni tal-isforz li kien fadal f'għadd ferm iżgħar ta' bastimenti, filwaqt li parti mill-flotta ftit jew saħansitra xejn ma kienet attiva matul l-2007.

Il-Ġermanja: Bħal fl-2006, l-iskemi tat-tnaqqis tal-isforzi kellhom impatt minuri fuq il-flotta, primarjament fil-Baħar Baltiku. Dan ma ġiex ikkwantifikat.

L-Estonja: Għall-flotta Estonjana fil-Baltiku ma kienet tapplika l-ebda skema ta' tnaqqis tal-isforzi, iżda din il-flotta kienet soġġetta għall-miżuri ta' rkupru adottati għall-merluzz tal-Baltiku. Madankollu, mhija pprovduta l-ebda valutazzjoni tal-effett ta' dawn il-miżuri.

Il-Greċja: L-ebda skema tal-aġġustament tal-isforzi tas-sajd ma kienet tapplika għall-flotta Griega.

Spanja: Il-flotta kienet affettwata minn miżuri ta' tnaqqis tal-isforz għall-marlozz tan-Nofsinhar u n-nephrops (Anness IIB), speċijiet u riżorsi tal-fond fiż-żona tan-NAFO. Il-pjanijiet nazzjonali ta' ġestjoni komplew japplikaw għall-Mediterran, il-Golf ta' Cadiz u l-ilmijiet tal-Gżejjer Kanarji. Ġie rrappurtat tnaqqis effettiv tal-isforzi ta' 12 % għall-ispeċijiet tal-fond, u dan jikkorrispondi għal tnaqqis nominali tal-isforz massimu ta' 10 %. F'kuntrast ma' dan, l-isforz effettiv żdied taħt il-pjan għall-marlozz u n-nephrops, fejn ingħataw jiem addizzjonali għat-taqsimiet tal-flotta kkonċernati fl-2007, fid dawl tal-iskreppjar tal-bastimenti. Ir-rapport ma jispjegax sa fejn it-tnaqqis permanenti tal-kapaċità, bl-għajnuna pubblika, ta' madwar 100 bastiment u 9 000 TG huwa marbut ma' miżuri bħal dawn tat-tnaqqis tal-isforz.

Franza: Ir-rapport Franċiż ġie ppreżentat tard wisq u ma setax jiġi inkluż.

5 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 51/2006 (ĠU L 1, 20 ta' Jannar 2006, p. 1-183).

L-Irlanda: Il-flotta Irlandiża hija soġġetta kemm għal skemi ta' tnaqqis tal-isforzi adottati taħt l-Anness II għar-Regolament dwar it-TAC u l-kwoti u għas-sistema tal-Ilmijiet tal-Punent, minkejja li dawn ma kellhomx konsegwenzi f'termini tal-kapaċità tal-flotta tas-sajd matul l-2007. Is-sajd fl-ambitu tal-pjanijiet ta' rkupru tal-istokkijiet (żoni VIa u VIIa tal-ICES) huwa ta' natura mħallta ferm. L-amminsitrazzjoni Irlandiża għalhekk sabitha bi tqila tkejjel l-impatt tal-iskemi tat-tnaqqis tal-isforz.

L-Italja: L-ebda skema tal-aġġustament tal-isforzi tas-sajd ma kienet tapplika għall-flotta Taljana.

Ċipru: L-ebda skema obbligatorja tal-aġġustament tal-isforzi tas-sajd ma kienet tapplika għall-flotta Ċiprijotta.

Il-Latvja: Il-flotta Latvjana kienet soġġetta għall-miżuri ta' rkupru adottati għall-merluzz Baltiku iżda ma ssir l-ebda referenza għall-effetti ta' dawk il-miżuri fuq l-isforz tas-sajd. Il-qagħda mwiegħra tal-istokkijiet tal-merluzz, il-bastimenti jeqdiemu u l-ispejjeż dejjem ogħla tal-karburant, wasslu lis-sidien tal-bastimenti biex japplikaw għall-primjums tad-dekommissjonar.

Il-Litwanja: Il-flotta Litwana kienet soġġetta għall-miżuri ta' rkupru adottati għall-merluzz Baltiku iżda ma ssir l-ebda referenza għall-effetti ta' dawk il-miżuri fuq l-isforz tas-sajd. It-tnaqqis ta' din il-flotta bl-għajnuna pubblika kompliet fl-2007, u l-eqdem bastimenti u dawk l-inqas effiċjenti ġew skreppjati. It-tnaqqis fil-kapaċità tal-flotta fl-2005-2006 kellu effett pożittiv fuq ir-rendiment ekonomiku (dejta tal-2006) peress li żdiedu l-qabdiet għal kull bastiment.

Malta: L-ebda skema tal-aġġustament tal-isforzi tas-sajd ma kienet tapplika għall-flotta Maltija

L-Olanda: Il-flotta hija soġġetta għal-limitazzjoni tal-'jiem fuq il-baħar' fil-Baħar tat-Tramuntana (ir-reġim tal-Anness II). Dawn il-miżuri ma rriżultawx fi tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità totali tal-flotta tat-tkarkir bit-travu; il-qawwa totali tnaqqset bi 2.9 % filwaqt li t-tunnellaġġ żdied b'0.5 %. L-isforz tas-sajd eżerċitat matul l-2007 għall-barbun tat-tbajja' u l-lingwata fiż-żoni ta' rkupru żdied b'6 % meta mqabbel mal-2006, minkejja li baqa' taħt il-livelli tal-2005. Waħda mir-raġunijiet għal dan kienet it-tibdil fl-irkaptu tas-sajd flimkien ma għadd akbar ta' jiem. Fl-implimentazzjoni tal-anness IIA, l-Olanda għażlet li tapplika kemm jista' jkun flessibbiltà fil-limiti tar-regoli: trasferimenti ta' jiem bejn il-bastimenti u t-trasferimenti bejn il-perjodi ta' ġestjoni kienu permessi.

Il-Polonja: B'riżultat tal-programm għat-tnaqqis tal-isforzi tas-sajd, fl-2007, l-għadd ta' jiem ta' sajd mill-flotta Baltika naqas saħansitra b'44 % meta mqabbel mal-2004 u bi kważi 70 % fil-każ tal-*cutters* ta' bejn 24-40 metru. Fil-perjodu mill-2004 sal-2007, l-għadd ta' jiem li fihom bastiment li jistad għall-merluzz ikun qatta' fuq il-baħar naqas b'madwar 56 %.

Il-Portugall: Il-pjan ta' rkupru għall-marlozz u n-nephrops (l-Anness IIB għar-Regolament tat-TAC) baqa' japplika fl-2007, iżda ma ġiex rappurtat tnaqqis fil-kapaċità b'riżultat ta' dan. Madankollu, ir-rapport jinnota li l-bastimenti involuti kienu għamlu sforzi sinifikanti, fosthom it-twaqqif tal-operazzjonijiet, sabiex jikkonformaw mal-jiem disponibbli fuq il-baħar. Madankollu, l-isforz effettiv kumplessiv żdied meta mqabbel mal-2006. L-għadd ta' jiem fiż-żona tan-NAFO kompla jonqos fl-2007. Il-miżuri nazzjonali li jillimitaw l-isforz tas-sajd japplika għall-ispeċijiet tal-baħar fond.

Is-Slovenja: Ma tapplika l-ebda skema ta' tnaqqis tal-isforzi tas-sajd għall-flotta Slovena.

Il-Finlandja: Matul l-2007 ma kienet tapplika l-ebda skema ta' tnaqqis fl-isforzi tas-sajd għall-flotta Finlandiża. Minkejja tnaqqis sinifikanti fil-kapaċità fil-perjodu 2003-2006, l-isforzi totali tas-sajd mill-flotta Finlandiża wrew xejra 'l fuq mill-2005, u fl-2007 kienet 10 % ogħla milli fl-2003. Din iż-żieda fl-isforz tas-sajd seħħet għas-sajd pelaġiku. It-taqsima ta' bastimenti tas-sajd għall-merluzz bl-irkaptu statiku naqqset l-isforz tagħha gradwalment u fl-2007 ma kien hemm l-ebda attività tas-sajd minn din it-taqsima minħabba l-projbizzjoni fuq ix-xbieki mitluqa għal riħhom.

L-Iżvezja: Il-flotta hija koperta mill-Anness IIA u l-isforz tas-sajd tnaqqas gradwalment b'riżultat ta' TACs aktar baxxi u inqas jiem fuq il-baħar. L-2007 kienet l-aħħar sena li fiha kienu permessi x-xbieki mitluqa għal riħhom. Minħabba l-projbizzjoni mistennija tax-xbieki mitluqa, ġew skreppjati għaxar bastimenti tas-sajd bl-għeżula, permezz tal-għajnuna pubblika. Il-kwoti individwali għall-ispeċijiet pelaġiċi ġew introdotti fl-2007.

Ir-Renju Unit: L-ebda rapport ma kien irċevut mir-Renju Unit meta kien qiegħed jitfassal dan ir-rapport.

### 2.3. Konformità mal-iskema tad-dħul/ħruġ u mal-livelli ta' referenza

Skont id-dejta CFR disponibbli fit-22 ta' Lulju 2008, l-ebda Stat Membru ma qabeż il-limitu massimu tal-kapaċità tal-flotta sa tmiem l-2007. Ix-xejra kumplessiva fil-kapaċità tal-flotta tal-UE turi tnaqqis sod. L-Istati Membri kollha kkonċernati kkonformaw mal-livelli ta' referenza għall-flotta kontinentali.

## 3. Konformità mar-regoli għall-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd. Ir-riżultati kumplessivi

### 3.1. Ir-riżultati għall-flotta kontinentali (minbarra bastimenti rreġistrati fl-aktar reġjuni mbiegħda)

Skont is-CFR, matul il-perjodu 2003-2007, u minkejja żewġ tkabbiriet sussegwenti, il-kapaċità kumplessiva tal-flotta tal-UE tnaqqset b'madwar 197 000 TG u 720 000kW, biex tagħti tnaqqis nett ta' madwar 11 % f'termini ta' tunnellaġġ. Il-"flotta tal-UE-15" tnaqqset b'207 000 TG u 788 000 kW, meta mqabbla mal-71 000 TG u 152 000 kW irtirati mill-"flotta tal-UE-10". F'termini relattivi, it-tnaqqis tal-"flotta tal-UE-10" mid-data tal-adeżjoni kien aktar b'saħħtu mit-tnaqqis tal-"flotta tal-UE-15" matul il-perjodu 2003-2007 (26 % meta mqabbel ma' 11 %, f'termini ta' qawwa tal-magna). Matul il-perjodu ta' ħames snin 2003-2007, ġew irtirati madwar 198 000 TG u 638 000 kW mill-flotta tal-UE (minbarra għar-reġjuni l-aktar imbiegħda) bl-għajnuna pubblika, li minnhom 25 000 TG u 81 000 kW ġew irtirati fl-2007.

Ġeneralment, it-tnaqqisiet netti fil-flotta tal-UE xorta jidhru li mhumiex biżżejjed, jekk wieħed iqis it-titjib teknoloġiku kostanti li jinnewtralizza l-effetti tat-tnaqqis tal-kapaċità u l-qagħda mwiegħra tal-maġġoranza tat-tipi ta' sajd fil-Komunità, partikolarment għall-ispeċijiet demersali, li jeħtieġu tnaqqisiet drastiċi ħafna tal-isforzi tas-sajd.

It-tabelli 1 u 2 fl-anness għal dan ir-rapport jagħtu fil-qosor il-konformità tal-Istati Membri mal-iskema tad-dħul/ħruġ u l-livelli ta' referenza fil-31 ta' Diċembru 2007. L-Istati Membri kollha kkonformaw ma' dawn ir-regoli.

Dejta aktar dettaljata (tabelli u grafiċi) dwar ix-xejriet fil-kapaċità tal-flotot tal-Istati Membri tinsab fuq l-Europa[6].

### 3.2. Ir-riżultati għall-flotot irreġistrati fl-aktar reġjuni mbiegħda

Il-kapaċità tal-flotot irreġistrati fl-aktar reġjuni mbiegħda u l-varjazzjoni tagħha bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-31 ta' Diċembru 2007 jidhru fit-Tabella 4 tal-Anness għal dan ir-rapport. Ir-riżultati juru li l-flotta rreġistrata fir-reġjuni l-aktar imbiegħda ta' Spanja u l-Portugall tnaqqset b'mod sinifikanti, kemm f'termini ta' tunnellaġġ kif ukoll ta' qawwa. Fid-dipartimenti Franċiżi extrakontinentali, kien hemm tnaqqis żgħir fl-għadd totali ta' bastimenti, tnaqqis fit-tunnellaġġ u żieda fil-qawwa tal-magni.

Sa tmiem l-2007, il-livell ta' referenza nqabeż bi ftit fil-każ ta' taqsima waħda biss minn 17-il taqsima għall-aktar reġjuni mbiegħda. It-taqsima kkonċernata hija CA2 (bastimenti ta' aktar minn 12-il metru tul, irreġistrati fil-Gżejjer Kanarji u li jistadu fl-ilmijiet Komunitarji).

## 4. IL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUMMISSJONI

Il-kwalità tar-rapporti tal-Istati Membri tjiebet b'mod konsistenti mill-ewwel wieħed li kien ikopri s-sena 2003, iżda għad hemm xi jsir f'dan ir-rigward. Bħal fis-snin ipreċedenti, il-maġġoranza tar-rapporti ma kinux jiddeskrivu l-flotot tal-Istati Membri f'relazzjoni mas-sajd, kif meħtieġ mill-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1438/2003, b'tali mod li l-Kummissjoni tkun tista' tanalizza l-isforzi li jkunu saru sabiex jinkiseb bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta tas-sajd u l-opportunitajiet disponibbli tas-sajd, kif stipulat bl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Minflok, l-Istati Membri enfasizzaw fuq is-sistemi nazzjonali tal-ġestjoni tal-flotta li ġew implimentati u x-xejriet fil-kapaċità tal-flotta meta mqabbla mal-iskema tad-dħul/ħruġ.

L-applikazzjoni tal-linji gwida għall-valutazzjoni tal-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet hija pass fid-direzzjoni t-tajba iżda mhux l-Istati Membri kollha użaw din l-għodda. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li kemm id-data qasira ta' skadenza biex jiġu applikati dawn il-linji gwida kif ukoll in-natura pjuttost teknika tagħhom ippreżentaw ċerti diffikultajiet għal ċerti Stati Membri. Għandhom isiru sforzi addizzjonali matul is-sena attwali sabiex il-linji gwida jiġu implimentati kompletament għar-rapport tal-2008.

Il-biċċa l-kbira tar-rapporti huma kkompilati b'tali mod li ma tkunx tista' tiġi stabbilita rabta ċara bejn il-miżuri tal-ġestjoni tal-isforzi u l-kapaċità tal-flotta, u lanqas ma janalizzaw b'mod kritiku x-xejriet fl-isforz li fil-fatt jiġi eżerċitat. Ġeneralment, l-impatt tal-miżrui għall-aġġustament tal-ġestjoni tas-sajd fuq il-kapaċità tal-flotta jidher li huwa limitat. F'ċerti każijiet l-ixprun ewlieni għat-tnaqqis fil-kapaċità tal-flotta jidher li huwa kombinazzjoni ta' rendiment ekonomiku fqir min-naħa tal-flotta, u d-disponibbiltà ta' fondi Komunitarji jew nazzjonali. Dan jista' jkun dovut, parzjalment, għan-nuqqas ta' sistemi għall-ġestjoni tal-isforzi għal diversi tipi ta' sajd, iżda wkoll għall-effett limitat ta' dawk eżistenti (l-Anness II, l-Ilmijiet tal-Punent, is-sajd tal-fond, ċerti skemi nazzjonali, eċċ.).

Matul l-2007, il-kapaċità tas-sajd tal-flotta tal-UE kompliet tonqos bilmod, iżda b'mod kostanti, b'rata annwali ta' bejn 2 % u 3 %. Il-grafiċi 3 sa 5 fl-Anness juru li din kienet ix-xejra kumplessiva għall-aħħar 16-il xahar, minkejja li din ix-xejra mhijiex daqshekk uniformi

[6] http://ec.europa.eu/fisheries/fleet/index.cfm?method=FM_Reporting.AnnualReport.

meta wieħed jagħti ħarsa lejn l-Istati Membri individwali. Dan fil-fatt iwassalna biex niddubitaw kemm huma effikaċi l-miżuri tal-aġġustament tal-kapaċità applikati taħt il-PKS.

Il-valutazzjoni xjentifika tgħidilna li 30 % tal-istokkijiet li għalihom teżisti d-dejta huma mistada barra mil-limiti bijoloġiċi sikuri u 80 % huma mistada f'livelli ogħla mill-Ogħla Rendiment Sostenibbli. Fl-istess ħin, għal partijiet kbar tal-flotta, il-kapaċità ma tintużax kollha, jiġifieri l-għadd ta' jiem tas-sajd ikun inqas mill-massimu possibbli, u huwa rreġistrat rendiment ekonomiku fqir, li kompla sejjer lura matul l-2008. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, it-tnaqqis tal-kapaċità li nkiseb jidher li mhux biżżejjed biex jirriżulta f'bilanċ sostenibbli bejn il-kapaċità u l-opportunitajiet tas-sajd fil-medda l-qasira. Barra minn hekk, il-progress teknoloġiku, li skont ċerti estimi huwa tal-istess daqs bħal dak tat-tnaqqis osservat fil-kapaċità, jhedded li jinnewtralizza l-effetti ta' dan it-tnaqqis.

Fit-22 ta' Lulju 2008, il-Kunsill adotta miżuri temporanji u speċifiċi għar-ristrutturar tal-flotta tas-sajd tal-UE, biex b'hekk tkun ipprovduta opportunità li ma għandhiex tintilef biex jinkiseb ir-ristrutturar neċessarju tal-flotta.